



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2010/0335(NLE)

23.3.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles

(17238/2010 – C7-0031/2011 – 2010/0335(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Michèle Striffler

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-Ftehim dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles skada fis-17 ta' Jannar 2011. Il-Protokoll il-ġdid se jkun għal tliet snin u se jkun applikat b' mod provviżorju, fl-istennija tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jista' jagħti jew ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu għall-Protokoll il-ġdid propost. Il-possibilità li jiċċad l-approvazzjoni tiegħu għandha titqies bħala soluzzjoni tal-aħħar istanza u trid tkun iġġustifikata kif dovut.

Skont l-abbozz ta' ftehim il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jipromwovu sajd responsabbli fiż-żona tas-sajd tas-Seychelles fuq il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn il-flotot differenti li jistadu fiż-żona tas-sajd tas-Seychelles, filwaqt li fl-istess ħin jipromwovu djalogu politiku dwar ir-riformi meħtieġa.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-ftehim tinkludi ammont totali ta': EUR 16 800 000 għall-perjodu kollu. Dan l-ammont jikkorrispondi għal:

- ammont annwali ta' EUR 3 380 000, ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza annwali ta' 52 000 tunnellata għal 60 bastiment.
- ammont annwali ta' EUR 2 220 000, li jikkorrispondi għal pakkett addizzjonali mħallas mill-Unjoni bħala appoġġ għall-politika marittima u tas-sajd tas-Seychelles.

Jekk il-kwantità globali tal-qabdiet magħmula mill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet tas-Seychelles tkun oġhla minn 52 000 tunnellata fis-sena, l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali jiżdied b'EUR 65 għal kull tunnellata addizzjonali maqbuda.

Meta l-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti Komunitarji jaqbżu l-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-doppju tal-ammont totali annwali, l-ammont dovut għall-kwantità li teċċedi dak il-limitu jitħallas is-sena ta' wara, ħaġa li tista' toħloq problemi għall-pajjiż benefiċjarju.

Kwistjoni problematika oħra hija li l-flus jitħallsu lill-awtoritajiet tas-Seychelles, li għandhom il-kompetenza esklużiva fuqhom. Għalhekk hu diffiċli li wieħed ikun jaf min verament jibbenefika minn dawn il-fondi.

F'konklużjoni, ir-rapporteur tagħkom hija tal-fehma li l-ftehimiet ta' sħubija fis-settur tas-sajd ma għandhomx ikunu biss mezz legali li jawtorizza l-aċċess tal-bastimenti Ewropej għar-riżorsi tas-sajd ta' pajjiżi terzi. Dawn għandhom ikunu wkoll strument għall-promozzjoni tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi marittimi. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa mill-kontribwenti Ewropej għandha tkun allokata esklussivament għal objettivi ta' żvilupp, jiġifieri din għandha tintefaqq favur il-komunitajiet ta' sajjieda biex ittejjbilhom il-kundizzjonijiet tal-ħajja, tiggarrantixxi t-taħriġ u s-sikurezza fuq il-baħar u toħloq impjiegi lokali ġodda.

Għaldaqstant il-Kumitat DEVE jemmen li għandhom jitqiesu l-kwistjonijiet li ġejjin waqt l-implimentazzjoni tal-ftehim:

1. it-trasparenza tal-proċeduri biex ikunu ddeterminati l-qabdiet totali trid tittejjeb;

2. ma għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-integrità tal-mekkaniżmi fir-rigward tal-problema tal-korruzzjoni;
3. għandha tissaħħaħ ir-responsabilità tal-gvern lokali, li jrid jiggarantixxi t-titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja tas-sajjieda lokali;
4. l-istandards minimi u l-kundizzjonijiet maqbula fuq livell reġjonali għandhom jiġu rrispettati;
5. l-Unjoni Ewropea għandha tiġi mgħarrfa regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi li l-Parlament jagħti il-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jawspika li l-Kummissjoni Ewropea u Repubblika tas-Seychelles jikkunsidraw il-punti li ġejjin kif dovut fl-implimentazzjoni tal-Ftehim:

- a) it-titjib tat-trasparenza tal-proċeduri biex jiġu identifikati l-qabdiet totali;
- b) ma għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-integrità tal-mekkaniżmi fir-rigward tal-problema tal-korruzzjoni;
- c) it-tiżiħ tar-responsabilità tal-gvern lokali, li jrid jiggarantixxi t-titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja tas-sajjieda lokali;
- d) ir-rispett tal-istandards minimi u l-kundizzjonijiet maqbula fuq livell reġjonali;
- e) għandu jitħallas prezz tas-suq ġust għal kull tunnellata ta' qabda sabiex jiġi miġġieled l-isfruttament u tiġi promossa l-awtosostenibilità;
- f) l-Unjoni Ewropea għandha tirċievi rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim sabiex ikun iffaċilitat il-monitoraġġ u tkun promossa t-trasparenza u l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Michael Cashman, Corina Crețu, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, András Gyürk, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Franziska Keller, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Maurice Ponga, Birgit Schnieber-Jastram, Alf Svensson, Eleni Theocharous, Patrice Tirolien, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Iva Zanicchi, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Proinsias De Rossa, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Santiago Fisas Ayxela, Isabella Lövin, Judith Sargentini, Jan Zahradil
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea